

Brussell, 31 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0344(COD)

---

14265/22  
ADD 3

ENV 1092  
CLIMA 558  
AGRI 600  
FORETS 110  
ENER 553  
TRANS 677  
CODEC 1645  
IA 171

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 27 ta' Ottubru 2022

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: SWD(2022) 543 final

---

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [...]  
*Li jakkumpanja d-dokument*

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2022) 543 final.

---

Mehmuż: SWD(2022) 543 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.10.2022  
SWD(2022) 543 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

[...]

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma**

{COM(2022) 540 final} - {SEC(2022) 540 final} - {SWD(2022) 540 final}

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD), flimkien mad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali (EQSD) u d-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (GWD), tipprovdi l-qafas għall-ġestjoni sostenibbli tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art tal-Ewropa. Għalkemm għadhom taħt pressjoni mit-tniġġis, kważi 100 000 korp tal-ilma tal-wiċċ u qrib it-12 000 korp tal-ilma ta' taħt l-art tal-Ewropa huma sors vitali ta' ilma tax-xorb, jiżguraw il-bijodiversità, huma riżorsa essenzjali għall-bdiewa u għall-industrija, mezz ta' trasport u ingredjent indispensabbli tal-produzzjoni tal-elettriku u tas-šana.

Il-leġiżlazzjoni attwali telenka numru ta' sustanzi li jniġġsu u gruppi ta' sustanzi, kif ukoll il-konċentrazzjonijiet permessi għal kull waħda, li l-Istati Membri jeħtieġ li jirrispettaw fit-territorju tagħhom. Il-leġiżlazzjoni tirregola wkoll il-monitoraġġ (fi kważi 150 000 sit fl-UE) u r-rapportar ta' jekk jinstabux jew le sustanzi niġġiesa 'l fuq mill-konċentrazzjoni massima. Huma jirrapportaw ukoll dwar il-miżuri meħuda kontra dan it-tniġġis. Fil-preżent, il-leġiżlazzjoni tal-UE tinkludi 53 sustanza għall-ilma tal-wiċċ; dawn huma prinċipalment pestiċidi, sustanzi kimiċi industrijali u metalli. Għall-ilma ta' taħt l-art, il-leġiżlazzjoni telenka n-nitrati u s-sustanzi attivi fil-pestiċidi.

Din l-inizjattiva tindirizza żewġ problemi ewlenin:

1. **Protezzjoni inadegwata tal-ekosistemi u tas-saħħa tal-bniedem** minn riskji maħluqa minn sustanzi niġġiesa li jinsabu kullimkien u/jew emerġenti u t-taħlitiet tagħhom. Il-lista preżenti ta' sustanzi ta' tħassib għall-UE ma hijiex kompluta (ma tinkludix sustanzi li għandhom effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem) u ma hijiex aġġornata (tinkludi sustanzi li ma għadhomx preżenti fi kwantitajiet sinifikanti jew bi standards ta' kwalità inadegwati). Barra minn hekk, l-enfasi attwali fuq sustanzi individwali tinjora l-effetti kumulattivi jew ikkombinati tat-taħlitiet, u l-qafas bħalissa ma jikkostitwixxix il-varjazzjonijiet staġunali f'taħbitiet ta' sustanzi niġġiesa, bħal fil-każ ta' pestiċidi użati mill-bdiewa jew f'għonna privati.
2. **Nuqqasijiet fl-implimentazzjoni:** hemm varjazzjoni kbira wisq fis-sustanzi niġġiesa u fl-istandards ta' kwalità deżinjati fil-livell tal-Istati Membri, li tirriżulta f'*data* inkomparabbli. Il-ġestjoni u r-rapportar tad-*data* huma onerużi u ma humiex adattati għall-potenzjal diġitali tat-teknoloġija tal-lum; u l-aġġornament tal-listi ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja huwa proċedura twila żżejjed.

Ir-rieżami tal-EQSD, tal-GWD u tad-WFD għandu l-għan li jimmodernizza b'mod sinifikanti r-regoli dwar is-sustanzi niġġiesa fl-ilma, u bħala tali jwassal sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni ta' tniġġis żero fil-kuntest ġenerali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-inizjattiva tibni fuq numru ta' inizjattivi oħrajn tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u hija wkoll marbuta magħhom, bħat-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi u tal-antimikrobiċi fl-agrikoltura u fl-akkwakultura, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi sabiex jiġu indirizzati l-mikrosustanzi niġġiesa, eċċ., u r-reviżjoni tal-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi permezz tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà.

Qiegħed jiġi ppreżentat pakkett ta' opzjonijiet u subopzjonijiet ta' politika ppreferuti, li jindirizzaw iż-żewġ problemi ewlenin.

## Nuqqas ta' protezzjoni:

- Fir-rigward tal-ilma tal-wiċċ:
  - Iż-żieda ta' 24 sustanza individwali mal-lista ta' sustanzi ta' prijorità: pestiċidi, farmaċewtiċi u sustanzi kimiċi industrijali, kif ukoll grupp ta' 24 sustanza PFAS;
  - It-tibdil tal-istandard ta' kwalità ambjentali (EQS) għal 16-il sustanza: aktar strett f'14-il każ u anqas strett f'żewġ każijiet;
  - L-iżvilupp ta' metodoloġija għall-kejl u l-monitoraġġ ta' mikroplastik u ġeni tar-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art, bil-għan li dawn jiġu elenkati bħala sustanza niġġiesa fil-futur;
  - It-tneħħija ta' erba' sustanzi mil-lista (tliet pestiċidi u sustanza kimika industrijali waħda) minħabba li ma għadhomx jippreżentaw theddida għall-UE kollha.
- Fir-rigward tal-ilma ta' taħt l-art:
  - Minbarra l-Anness I (standards fil-livell tal-UE) ta' grupp ta' 24 sustanza PFAS, żewġ antibijotiċi u firxa ta' prodotti ta' degradazzjoni tal-pestiċidi;
  - Iż-żieda ta' sustanza waħda, farmaċewtika, mal-Anness II (fejn l-Istati Membri jeħtieġ li jikkunsidraw li jistabbilixxu standard nazzjonali).

## Nuqqasijiet fl-implimentazzjoni:

- L-istabbiliment ta' "lista ta' sorveljanza" obligatorja għall-ilma ta' taħt l-art sabiex tinġabar *data* aktar affidabbli dwar sustanzi niġġiesa potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art;
- L-adattament tal-lista ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ sabiex tqis l-istaġunalità tal-emissjonijiet;
- L-iffaċilitar tal-adattamenti futuri għal-listi ta' sustanzi niġġiesa permezz ta' proċess leġiżlattiv semplifikat;
- L-armonizzazzjoni tal-istandards għas-sustanzi niġġiesa li huma rilevanti fil-livell tal-baċiri idrografiċi;
- L-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-rapportar awtomatizzat tad-*data* li se jippermetti aċċess aktar mgħaġġel u dirett għad-*data* dwar il-kwalità tal-ilma mhux ipproċessat fil-livell tal-Istati Membri.

Il-bażi xjentifika għall-inizjattiva ġiet żviluppata fi proċess trasparenti u inklużiv, immexxi miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent u li jinvolvi lill-Istati Membri, lill-partijiet ikkonċernati, lill-industrija u lill-akkademiċi. Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti żgura skrutinju xjentifiku indipendenti tas-sustanzi kkonċernati. Il-valutazzjoni tal-impatt tinkorpora l-opinjoni preliminari jew finali dwar kull waħda mis-sustanzi / kull wieħed mill-gruppi ta' sustanzi, disponibbli f'dan il-mument (Ottubru 2022). Il-valuri ta' limitu għas-sustanzi li għalihom ma hemm l-ebda opinjoni preliminari jew finali disponibbli huma bbażati fuq id-dossier li ħejjiet il-Kummissjoni għall-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti. Il-valuri ta' limitu għal dawn is-sustanzi huma indikati b'parentesi kwadri matul il-valutazzjoni tal-impatt u l-proposta. Hekk kif jaslu l-opinjoni, il-parentesi kwadri se jitneħħew.

Din l-inizjattiva hija pproġettata li jkollha influwenza pożittiva fuq il-kwalità tal-ilma tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art tal-Ewropa, kif ukoll benefiċċji ambjentali,

soċjali u ekonomiċi. Għalhekk, hija mistennija li jkollha impatt dirett fuq l-industrija, l-agrikoltura, id-distributuri, il-kumpaniji tal-ilma mormi, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u ċittadini.

Ma kienx possibbli li jiġu kkwantifikati l-impatti kollha fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, billi kull Stat Membru jista' jagħżel liema miżuri għandu jimplimenta sabiex jikkonforma mal-pakkett ta' politika ppreferut, il-kostijiet u l-benefiċċji ma jistgħux jiġu kkwantifikati b'mod komprensiv u se jvarjaw b'mod sinifikanti minn sustanza għal oħra u minn korp tal-ilma għal korp tal-ilma ieħor.

Madankollu, huwa evidenti li l-elenkar ta' numru ta' sustanzi fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art, jew (fil-każ tal-ilma tal-wiċċ) it-tibdil tal-istandard tal-kwalità ambjentali tagħhom, se jkollu implikazzjonijiet fuq il-kostijiet, li xi drabi se jkunu sinifikanti. Għall-ilma tal-wiċċ, huma mistennija kostijiet sinifikanti ta' aġġustament dirett, pereżempju, billi jiżdiedu mal-lista ibuprofen (mediċina kontra l-uġiġħ u anti-infjammatorja), glifosat (erbiċida użat fl-agrikoltura u fl-ortikultura), PFAS (grupp kbir ta' sustanzi kimiċi użati, pereżempju, fl-għodod tat-tisjir, fil-ħwejjeġ u fl-għamara, fil-fowm għat-tifi tan-nar u fil-prodotti tal-kura personali) u Bisfenol A (komponent tal-imballaġġ tal-plastik). L-istess japplika għall-emendar tal-istandard tal-kwalità ambjentali għal PAHs (sustanzi kimiċi li jirriżultaw mill-ħruq ta' faħam, gass, żejt, ikel), merkurju (metall li jiġi emess prinċipalment mill-kombustjoni tal-faħam u mill-estrazzjoni tad-deheb) u nikil (metall li jiġi emess mill-kombustjoni tal-faħam u taż-żejt tqil). B'rabta mal-ilma ta' taħt l-art, l-aktar kostijiet sinifikanti huma mistennija għall-PFAS, assoċjati mar-restrizzjoni tal-użu (eż. fil-fowms għat-tifi tan-nar - sa EUR 390 miljun/sena għal kull użu sostitut) u l-ġestjoni ta' bijosolidi kkontaminati (sa EUR 755 miljun/sena għall-inċinerazzjoni u EUR 201 miljun/sena għar-rimi f'landfills). Madankollu, il-kumpaniji tal-ilma tax-xorb u, fl-aħħar mill-aħħar, il-kontribwent se jibbenefikaw, b'kostijiet aktar baxxi għat-trattament tal-ilma.

Għandu jiġi nnotat li l-kostijiet u l-benefiċċji ma jistgħux ikunu marbuta biss ma' din l-inizjattiva, billi hemm diversi oħrajn li jikkonċernaw uħud mill-istess sustanzi niġġiesa, pereżempju, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, id-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi, u l-projbizzjoni mħabbra fuq l-użi kollha ħliel dawk essenzjali tal-PFAS.

Id-diġitalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni amministrattiva u l-opzjonijiet aħjar ta' ġestjoni tar-riskji, li għandhom l-għan li jagħmlu l-monitoraġġ u r-rapportar aktar akkurati u f'waqthom, għandhom kost amministrattiv limitat u ta' darba għall-Kummissjoni Ewropea (inkarigata sabiex tabbozza dokumenti ta' gwida, metodoloġiji, eċċ.), għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (inkarigata sabiex ittejjeb l-aċċess għad-data dwar il-kwalità tal-ilma) u għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (inkarigata sabiex tivvaluta b'mod xjentifiku r-riskju tas-sustanzi niġġiesa rilevanti). Għall-biċċa l-kbira tal-kompiti vvalutati, il-kostijiet huma ferm anqas minn EUR 1 miljun. Il-kostijiet tal-Istati Membri assoċjati mal-monitoraġġ tat-tniġġis huma mistennija li jiżdiedu b'mod ġenerali minħabba numru akbar u n-natura differenti (bħall-mikroplastik) ta' sustanzi koperti mil-leġiżlazzjoni. Madankollu, dawn ma humiex mistennija li jaqbz u l-EUR 15-il miljun fis-sena madwar l-EU-27 (b'hekk smati għal madwar EUR 0,33 miljun sa EUR 0,55 miljun fis-sena għal kull Stat Membru). Madankollu, dawn l-ispejjeż se jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri aktar immirati kontra t-tniġġis fil-futur.

Din il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li, b'mod ġenerali, il-benefiċċji għas-soċjetà jisbqu l-kostijiet b'mod konsiderevoli. Il-benefiċċji jinkludu l-iffrankar fil-kost tat-trattament tal-ilma u tal-ħama, ekosistema aktar b'saħħitha u l-iffrankar fil-kostijiet tal-kura tas-saħħa. B'hal fil-każ tat-tniġġis fl-arja u fil-ħamrija, l-esponiment għal sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali u l-PFAS, pereżempju, jista' wkoll ikollu impatt kbir. Jekk jitqies l-eżempju tal-PFAS, l-iffrankar min-nuqqas ta' ħtieġa li tiġi applikata osmosi inversa fit-trattament tal-ilma jammonta għal madwar EUR 9 biljun fis-sena, u l-iffrankar fil-kostijiet tal-kura tas-saħħa huwa smat li huwa ta' mill-anqas EUR 52 sa 84 biljun fis-sena. B'ħidma f'komplementarjetà ma' leġislazzjoni oħra tal-UE diġà fis-seħħ jew ippjanata skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, din l-inizjattiva hija għalhekk mistennija li tiġġenera benefiċċji sinifikanti għas-soċjetà u għall-ambjent.

Fil-qosor, l-inizjattiva tirrevedi l-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi li jniġġsu l-ilma sabiex tallinjaha mal-kontaminanti li huma rilevanti illum u fis-snin li ġejjin, iżda tagħmel ukoll il-leġislazzjoni aktar rilevanti, trasparenti u adattabbli. B'hekk, hija tikkontribwixxi għall-isforzi ġenerali sabiex it-tniġġis jitnaqqas għal livelli li ma għadhomx ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero tal-UE.